# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2016

**Rik. Nru. 50/16/1JRM**

Rosette **THAKE** u Dottoressa Anna Fenech, fil-kwalita' rispettiva tagħhom ta' Segretarju Ġenerali u President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista

vs

**L-Onor. PRIM MINISTRU**; il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura; il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima; is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva; l-Awtorita' tal-Ippjanar ġja' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta; u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba li r-rikorrenti *nomine* ressqu f'rikors tagħhom

tat-3 ta' Ġunju, 2016[1], li fih u għar-raġunijiet minnu hemm imsemmija, huma talbu li din il-Qorti tagħti provvediment provviżorju ('*interim measure*') fis-sens li l-intimata Awtorita' tal-Ippjanar u l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta jiġu mwaqqfa milli jneħħu jew iċaqilqu jew b'kull mod ieħor li jkun jieħdu pussess, direttament jew permezz ta' terzi, tal-*billboards* politiċi tal-Partit Nazzjonalista pendenti l-proċeduri fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u li tagħmel f'tali provvediment kull kundizzjoni li jidhrilha xierqa u meħtieġa;

Illi l-Qorti qiegħdet ir-rikors għas-smigħ b'urġenza u tat żmien lill-intimati biex iressqu t-tweġiba tagħhom[2];

Illi l-Qorti semgħet ix-xhieda, ħadet qies tal-provi dokumentali, rat l-atti ġudizzjarji indikati lilha mill-partijiet, fosthom l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 545/16JPG[3] u l-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat numri 822/16AE[4] u 827/16AE[5];

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tar-rikors waqt is-smigħ tas-6 ta' Ġunju, 2016, u ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali dwar it-talba tar-rikorrenti *nomine* għall-għoti ta' miżura provviżorja;

## *Ikkunsidrat:*

Illi b'din il-proċedura, ir-rikorrenti *nomine* jridu li din il-Qorti tagħti provvediment li bih iżżomm milli xi waħda mill-intimati Awtorita' tal-Ippjanar jew Awtorita' għat-Trasport f'Malta (mhux qed jintalab rimedju kontra l-intimati l-oħrajn) ineħħu jew iċaqilqu minn fejn jinsabu jew b'kull mod ieħor li jkun jieħdu pussess, huma stess jew nies imqabbdin minnhom, ta' għadd ta' *billboards* imferrxin fi nħawi differenti f'Malta li bihom l-istess rikorrenti qegħdin ixandru messaġġi politiċi;

Illi b'rikors imressaq quddiem din il-Qorti mill-istess rikorrenti *nomine* fl-1 ta' Ġunju, 2016, qiegħed jintalab li t-tneħħija min-naħa tal-imsemmija żewġ awtoritajiet intimati tal-imsemmija *billboards* politiċi jikser il-jeddijiet fundamentali tal-istess rikorrenti kif imħarsin fl-artikoli 41, 42 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikoli 10, 11, 13 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet

[1] Rik. Nru. 50/2016/1
[2] Dwar dan, ir-rikorrenti ressqu rikors ieħor fit-3.6.2016 biex jitolbu s-smigħ tar-rikors għall-għoti tal-provvediment provviżorju b'urġenza u qabel dakinhar li l-kawża fil-mertu tqiegħdet għas-smigħ
[3] Dekretat fl-10.5.2016
[4] Dekretat fit-3.6.2016
[5] Dekretat fit-3.6.2016 b'riferenza għad-degriet mogħti fir-Rik. Nru. 822/16

Fundamentali, kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Qiegħed jintalab ukoll li l-Qorti ssib li r-Regolamenti mdaħħlin fis-seħħ bl-Avviż Legali 103 tal-2016[6], jiksru l-imsemmija jeddijiet tagħhom taħt l-artikoli msemmija kemm tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-Konvenzjoni;

Illi għat-talba tar-rikorrenti *nomine*, l-intimat Segretarju Parlamentari laqgħet billi qalet li hija ma kienet bl-ebda mod imdaħħla fil-kwestjoni u jmissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-proċedura. Żiedet tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li r-rikorrenti *nomine* kienu diġa' nedew proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[7] wara li l-Mandat ta' Inibizzjoni li kienu talbu u kisbu f'Mejju kien tilef l-effetti tiegħu, u għalhekk qalet li ma hemm l-ebda ħtieġa li l-Qorti tagħti r-rimedju provviżorju mitlub;

Illi għat-talba tar-rikorrenti *nomine* l-intimati Onorevoli Prim Ministru, Ministri u l-Avukat Ġenerali laqgħu billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li l-ebda wieħed minnhom ma kien il-kontradittur leġittimu tat-talba magħmula dwar it-teħid tal-provvediment provviżorju, iżda fil-mertu laqgħu billi opponew għat-talba għall-għoti tal-imsemmi provvediment li jqisuha bħala abbuż tal-proċedura straordinarja li tinvolvi l-għoti ta' provvediment bħal dak meta mqabbel ma' dak li huwa mistenni u mitlub meta titressaq talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Żiedu jgħidu li l-artikoli tal-Kostituzzjoni u dawk tal-Konvenzjoni li fuqhom ir-rikorrenti *nomine* jibnu l-każ tagħhom mhumiex artikoli li dwarhom is-soltu jingħataw rimedji provviżorji bħalma qiegħed jintalab illum;

Illi għat-talba tar-rikorrenti *nomine* l-intimata Awtorita' tal-Ippjanar laqgħet billi, għar-raġunijiet dettaljatament u eżawrjentement hemm imsemmija, qalet li ma jeżistux l-elementi biex il-Qorti tilqa' t-talba għall-għoti tal-provvediment provviżorju mitlub. Tenniet li r-rikorrenti kienu reġgħu talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni ieħor kontriha dwar l-istess ħaġa li kienu talbu u kisbu Mandat ta' Inibizzjoni ieħor li tħalla jaqa', u li ma huwiex sewwa li r-rikorrenti *nomine* jressqu żewġ proċeduri bl-istess talba quddiem Qrati differenti biex jippruvaw jaslu fejn iridu b'mod jew b'ieħor u bil-possibilita' li jingħataw ordnijiet minn Qrati differenti li jistgħu ma jaqblux ma' xulxin. Żiedet tgħid li din it-talba hija abbuż minn proċedura eċċezzjonali u li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex din il-Qorti jmissha tilqagħha, meta wieħed iqis li l-qagħda li r-rikorrenti *nomine* jinsabu fiha ġabuha b'idejhom meta naqsu li jżommu l-Mandat ta' Inibizzjoni li nħareġ favurihom ħaj bil-ftuħ tal-kawża. F'kull każ, il-fatt li r-rikorrenti *nomine* ressqu talba oħra għall-ħruġ ta'

[6] Regolamenti tal-2016 dwar *Billboards* u Reklami (L.S. 552.16)
[7] Rik. Nru. 861/16AE (fit-3.6.2016)

Mandat ta' Inibizzjoni ieħor (u liema talba diġa' ntlaqgħet provviżorjament) jixhed li r-rikorrenti *nomine* għadhom jistgħu jinqdew, kif tabilħaqq inqdew, b'rimedji ordinarji u ma jixraqx li jirrikorru għar-rimedju tal-provvediment provviżorju f'każ bħal dan;

Illi għat-talba tar-rikorrenti *nomine* l-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta laqgħet billi qalet li hija ma għandhiex x'taqsam xejn mal-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħhom, billi hija ma tidħol bl-ebda mod għall-infurzar tar-Regolamenti (li huwa eżerċizzju li l-liġi tagħti biss lill-Awtorita' tal-Ippjanar) attakkati mir-rikorrenti *nomine*, u għalhekk imissha tinħareġ 'il barra minn dawn il-proċeduri. Madankollu, żiedet tgħid li din il-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba għall-għoti tal-provvediment jew rimedju provviżorju kif mitlub u għaddiet biex tagħmel ġabra ta' sottomissjonijiet dwar kif u meta dak il-provvediment jista' u jmissu jingħata;

## ***Ikkunsidrat:***

Illi wara li rat l-atti kollha u ħasbet fuq is-sottomissjonijiet li sarulha, il-Qorti tqis li jixraq li tgħid li, waqt is-smigħ li żammet, kien hemm qbil li r-rikorrenti *nomine* ressqu din il-proċedura għall-għoti tal-provvediment provviżorju għaliex il-Mandat ta' Inibizzjoni li huma kienu kisbu bid-degriet tal-10 ta' Mejju, 2016[8] tilef l-effetti tiegħu, u li kieku l-imsemmi Mandat kien baqa' fis-seħħ ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għalfejn titressaq din it-talba;

Illi fit-tieni lok, b'riferenza għal dak li semmiet l-intimata Awtorita' tal-Ippjanar dwar it-tressiq ta' din it-talba flimkien ma' talba oħra mir-rikorrenti *nomine* għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, din il-Qorti tagħmilha ċara li qiegħda tqis it-talba għall-għoti tar-rimedju provviżorju fuq l-atti li għandha quddiemha u fil-qafas tal-għamla ta' kawża li fiha tressqet. Għalhekk, iċ-ċirkostanza ta' x'jista' jkun deċiż mill-Qorti li quddiemha tressqet it-talba l-ġdida għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mir-rikorrenti *nomine* ma sejra tinfluwixxi bl-ebda mod lil din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet li hija sejra tagħmel dwar jekk għandhiex tilqa' t-talba tal-lum;

Illi bħalma ngħad drabi oħrajn f'ċirkostanzi bħal din tallum[9], is-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex

---

[8] Ara Dok "OM1", f'paġġ. 65 sa 102 tal-atti
[9] P.A. (Kost.) MCH **30.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs L-Avukat Ġenerali***

imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[10];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[11]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[12]. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[13];

Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinħalqu ċ-ċirkostanzi ħalli jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm ħsara imminenti li titlob it-teħid ta' provvediment bħal dak[14];

Illi għalkemm huwa minnu, kif jallega l-intimat Avukat Ġenerali, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[15], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[16];

---

[10] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM **5.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et***
[11] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110
[12] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113
[13] Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***
[14] Kost. **25.9.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***
[15] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20
[16] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. **30.11.1999** fil-kawża ***Ocalan vs Turkija*** (Applik. 46221/99)

Illi r-rimedju li r-rikorrenti *nomine* qegħdin jitolbu f'dan il-każ huwa speċifikatament dak li l-għadd ta' *billboards* b'messaġġ politiku mferrxin ma' bnadi differenti ta' Malta jitħallew fejn huma sakemm il-Qorti taqta' din il-kawża li għandha quddiemha dwar il-ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti *nomine*;

Illi l-Qorti tqis li, kif ħareġ mill-provi mressqa[17], l-intimata Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq fir-rigward ta' sittax (16) mill-*billboards* mertu tal-kwestjoni. B'kollox, ir-rikorrenti *nomine* jindikaw li l-għadd sħiħ ta' *billboards* huwa ta' għoxrin (20), li minnhom disgħa (9) jinsabu 'l barra minn żona ta' żvilupp filwaqt li l-ħdax (11) l-oħrajn jinsabu f'żoni ta' żvilupp[18];

Illi l-Qorti tqis ukoll li, għalkemm il-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ fl-10 ta' Mejju, 2016 favur ir-rikorrenti *nomine* tilef l-effetti tiegħu fit-3 ta' Ġunju, 2016[19], l-istess rikorrenti ressqu wkoll talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ieħor li tqiegħed għas-smigħ għat-8 ta' Ġunju, 2016 u li ntalqa' provviżorjament[20];

Illi l-Qorti tqis li ma hemmx dubju li jekk kemm-il darba ma jkunx hemm fis-seħħ mandat kawtelatorju li jżomm lill-Awtoritajiet intimati milli jneħħu l-*billboards* imsemmija, dawn x'aktarx sejrin jitneħħew u diġa' tnieda l-proċess relattiv li issa nżamm. Dan ifisser li t-tħassib tar-rikorrenti *nomine* dwar il-qagħda imminenti mhux wieħed fieragħ;

Illi madankollu, dak it-tħassib mhuwiex waħdu element biżżejjed biex din il-Qorti toħroġ provvediment provviżorju biex il-*billboards* ma jintmissux minn fejn huma. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif diġa' ssemma qabel, provvediment bħal dan jitlob li l-ħsara li tkun sejra ssir tkun waħda li ma tistax titreġġa' lura;

Illi l-Qorti tqis li dan l-element huwa nieqes. Hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li l-eżistenza tal-*billboards* fejn jinsabu hija sekondarja għall-mertu tal-kawża miftuħa mir-rikorrenti *nomine* dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imfissra fir-rikors promotur. Ukoll kieku ma kien hemm l-ebda *billboard* imwaqqaf f'xi post pubbliku, it-talbiet kollha tar-rikorrenti kienu jibqgħu sħaħ u bla mittiefsa u l-prinċipji mqajma mir-rikorrenti dwar l-ilmenti tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom xorta waħda jibqgħu jgħoddu u jkunu mistħarrġa u dwarhom tingħata sentenza bla xkiel;

[17] Dokti "RT1" sa "RT16", f'paġġ. 126 sa 157 tal-atti
[18] Xhieda ta' Rosette Thake 6.6.2016, u Dok "KA4", f'paġġ. 159 – 160 tal-atti
[19] Dok "OM2", f'paġġ. 105 – 6 tal-atti
[20] Dok "OM1", f'paġġ. 103 – 4 tal-atti

Illi l-Qorti tagħraf li huwa mixtieq mir-rikorrenti *nomine* li l-ebda wieħed mill-għoxrin *billboard* ma jintmess minn fejn jinsab sakemm tinqata' l-kawża, iżda dik ix-xewqa ma tissarrafx fi preġudizzju irrimedjabbli kif jitlob l-għoti ta' rimedju provviżorju maħsub f'talba bħal din li l-Qorti għandha quddiemha. Lanqas ma jista' jingħad li mingħajr l-imsemmija għoxrin *billboard* jew uħud minnhom, ir-rikorrenti *nomine* sejrin jinżammu milli jxerrdu l-fehmiet politiċi tagħhom jew iwasslu l-messaġġ politiku tagħhom bl-usa' meżżi disponibbli, ladarba mill-atti u s-sottomissjonijiet ħareġ li l-istess rikorrenti *nomine* għandhom disponibbli u qegħdin jinqdew diġa' b'meżżi oħrajn li bihom qegħdin iwasslu fil-pubbliku dawn il-fehmiet;

Illi minbarra dan, il-Qorti ttenni li l-proċedura tal-lum trid tintuża fejn tassew hija maħsuba li tintuża u ma għandhiex issir bħallikieku talba għal provvediment kawtelatorju li dwaru l-liġi tagħti rimedji oħrajn. Kemm hu hekk jinsab mgħallem b'awtorita' li "*an indication under Rule 39 will not be given if it is still possible to apply for domestic remedies with suspensive effects*"[21]. Hija l-fehma tal-Qorti li r-rikorrenti *nomine* nfushom għarfu li għandhom rimedju ta' din il-għamla għaliex irrikorrew għalih, lil hinn mill-fatt jekk humiex sejrin jerġgħu jiksbu r-riżultat li kellhom fl-ewwel proċedura. Madankollu, il-fatt li r-rikorrenti *nomine* kienu nqdew b'suċċess bil-proċedura għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jixhed li dak ir-rimedju huwa wkoll wieħed fejjiedi u effettiv u hekk ukoll qisuh u għadhom iqisuh ir-rikorrenti *nomine*;

Illi r-rikorrenti ma taw lil din il-Qorti l-ebda raġuni oħra minn dawk imsemmija hawn fuq għalfejn il-miżura minnhom mitluba għandha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawża. Huwa minnu li għamlulha bosta sottomissjonijiet studjati u mirquma, imma l-Qorti ma jidhrilhiex li jkun xieraq li tidħol fihom f'dan il-provvediment, għaliex ma jindirizzawx l-aspetti prettament proċedurali tal-kwestjoni tar-rimedju provviżorju hawnhekk mitlub u għaliex ma jidhrilhiex li jkun prudenti li tagħti fehmiet li jmissu l-mertu tal-ilmenti tal-istess rikorrenti *nomine* jew tal-eċċezzjonijiet imqajmin mill-intimati għal dawk l-ilmenti. Minbarra dan, il-Qorti ma qiegħda tara l-ebda ċirkostanza li toħroġ mill-atti tal-kawża li twassalha biex tagħti r-rimedju provviżorju mitlub f'dan l-istadju bikri tagħha;

Illi għaldaqstant, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[21]Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* § 2.2.8.3, p. 119

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti *nomine* billi ma ntweriex li jeżistu l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-għoti tal-provvediment kif mitlub minnhom fir-rikors tagħhom.

Mogħti kameralment illum, id-9 ta' Ġunju, 2016

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registrat**

Rikorrenti: Dr Karol Aquilina LL.D.

Intimati: Dr. Peter Grech LL.D.,

Dr. Chris Ċilia LL.D.,

Dr. Robert Abela LL.D.

(kopja għan-notifika tal-partijiet)